**KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA**
**TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI**
**HAL LIJA**
**TEL NO : 21416111 FAX : 21416941**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

## Laqgħa Nru. 49/2016

Data: 14 ta' Lulju 2016

Hin: 5:00 ta' filgħaxija

Post: Bini tal-Kunsill Lokali

---

Preżenti: ***Magda Magri Naudi*** – *Sindku*
***Massimo Scerri*** – *Kunsillier*
***Dr. Marc Sant*** – *Kunsillier*
***Lorrianne Farrugia*** - *Kunsillier*
***Stephanie Cutajar*** - Viċi Sindku

***Georgette Borg*** – *Segretarju Eżekuttiv*

Skużati: Ħadd

Assenti: Ħadd

---

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti;
2. Punti mqajma mill-Minuti;
3. Festa tas-Salvatur 2016
4. Business Plan 2016 - 2018
5. Komunikazzjoni mis-Sindku;
6. Korrispondenza;

7. VIP List
8. Affarijiet Oħra
9. Approvazzjoni tal-Pagamenti u Skeda tal-Petty Cash
10. Aġġornament.

**Minuti - *49*/2016**

## 1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti

1.1 Il-laqgħa bdiet fil-17.15p.m. b'introduzzjoni mis-Sindku fejn l-ewwelnett f'isem il-Kunsill tat il-kondoljanzi lil Minority Leader Dr. Marc Sant u l-familja tiegħu għal mewt ta' ommu s-Sinjura Monica Sant.

1.2 Fl-istess ħin għan-nom tal-Kunsill awgurat il-fejqan it-tajjeb lil omm il-Viċi Sindku, s-Sinjorina Stephanie Cutajar li tinsab rikoverata l-isptar.

1.3 Is-Sindku stiednet lill-Kunsilliera biex jagħmlu l-korrezzjonijiet tagħhom għal minuti nr 48 bid-data ta' 14 ta' Ġunju 2016.

1.4 Fuq proposta tas-Sur Massimo Scerri sekondat mis-Sinjorina Lorraine Farrugia minuti nr 48 ġew approvati unanimament.

## 2. Punti mqajma mill-Minuti

2.1 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi stiednet lill-Kunsilliera biex irresqu punti mqajma mill-Minuti.

2.2 Il-Minority Leader xtaq jikkonferma li t-tender tal-'Bulky Refuse' issa kienet magħluqa. Is-Segretarju nfurmat li dik it-tender issa qiegħda magħluqa u s-Sur Jimmy Muscat issa ġie kkonfermat bħala l-Kuntrattur li ser ikompli jiġbor il-Bulky Refuse.

2.3 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li l-Kuntrattur staqsa jekk il-'Bulky Refuse' jistax jibda jinġabar nhar ta' Erbgħa minnflok is-Sibt.

2.4 Il-Kunsill ma qabilx ma' din il-proposta peress li għal min jaħdem din ma' tkunx prattika.

2.5 Is-Segretarju nfurmat li fit-tender ma kinx hemm ġurnata speċifika marbuta ma' dan is-servizz imma xorta waħda l-Kunsill ma jaqbilx li tinbidel il-ġurnata.

2.6 Il-Minority Leader staqsa fuq Jum Ħal Lija peress li hu ma kinx preżenti.

2.7 Is-Sindku nfurmat li saret il-Quddiesa ta' ringrazzjament. Fl-aħħar tal-quddiesa rringrazzjat lil kulħadd, ppreżentat il-flus li kienu nġabru waqt il-Festival taċ-Ċitru ta' din is-sena. Dawn il-flus huma għar-restawr tal-pitturi.

2.8 Is-Segretarju ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill ir-risposta tal-Management Letter għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Din ġiet approvata mill-Kunsill.

2.9 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi staqsiet fuq il-Mobility Week.

2.10 Il-Minority Leader, qal li din l-applikazzjoni trid tasal sa l-aħħar t'Awwissu. Huwa qal li fil-laqgħa li saret mal-Prof. Maria Attard kien hemm ħsieb li jista' jsir 'market' ta' l-għamara, antiques, ceramics u anke jekk ikunu jridu jieħdu ħsieb tal-lokal stess. Jekk isir dan is-suq, il-ħsieb hu li jiġi armat darba fix-xahar.

2.11 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tkelmet fuq id-deviation ta' traffiku f'Ħ'Attard.

2.12 Fuq dan id-deviation il-Kunsill ma ġiex ikkonsultat.

2.13 Il-Kunsill ikkonferma li għalissa ma ġie kkonfermat xejn li ser isir tibdil fit-traffiku skond kif għamlet il-pjanti Prof. Maria Attard.

2.14 Il-Kunsilliera ma kellhomx iktar punti xi jqajmu mill-minuti.

## 3. Festa tas-Salvatur

3.1 Is-Segretarju nfurmat li qed jinġabru l-kwotazzjonijiet għal kiri ta' 20 bins għall-Festa. Hija qalet li s-sena l-oħra l-kwotazzjoni tal-Waste Collection kienet l-irħas u barra minn hekk kien għamlilna l-extra sweeping b'xejn.

3.2 Hija kompliet tgħid li rċeviet telefonata mingħand is-Sur Adrian Muscat tal-Waste Collection fejn dan kien irrabjat għall-aħħar minħabba li kien irċieva d-'Default Notice' mingħand il-Kunsill.

3.3 Fuq din saret diskussjoni jekk għandux isir rapport lil Pulizija anke minħabba l-fatt li intqal xi kliem mis-Sur Muscat. Ma kinx hemm qbil dwar dan u deċizjoni ma ittieħditx.

3.4 Is-Segretarju nfurmat li l-kwotazzjoni għal bins u extra sweeping għal din is-sena hija ferm għola minn tas-sena l-oħra. L-ammont totali huwa ta'€ 1014.80 li jinkludi kiri ta' għoxrin bins bit-tindif u erba' sweepers mill-4 sas 6 t'Awwissu.

3.5 Għandu jiġi iċċekkjat x’tgħid it-tender ta’ l-sweeping fuq il-knis fi żmien il-Festa, peress li x’aktarx fil-ġurnata tal-festa il-knis ikun bla ħlas.

3.6 Is-Segretarju nfurmat li kienet waslet kwotazzjoni oħra mingħand WM Environmental għal għoxrin bin bit-tindif, għal prezz ta’ €110.00. Aktar kwotazzjonijiet għandhom jaslu fl-uffiċċju tal-Kunsill.

3.7 Is-Segretarju nfurmat li kienet waslet request mingħand il-Każin Laburista ta’ Ħal Lija għal 2 (car spaces) faċċata l-Każin quddiem il-ħajt tal-ġnien. Dan biex fil-festa jkun jista’ joħrog l-imwejjed u siġġijiet. Qed jitlob għal parking spaces faċċata għax minħabba t-tower crane ma jistax jarma l-imwejjed ħdejn il-każin bħas-soltu kif għamel is-sena l-oħra. Il-Kunsill approvaw dan il-permess bil-kundizzjoni li dawn jitneħħew meta tkun għaddejja l-purċissjoni għal ħabta tad-9.15p.m. Għandhom jintramaw mhux iktar minn sitt imwejjed.

3.8 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar tkelmet fuq il-permessi biex jintrama in-nar ta’ l-art fi Triq Ġiovanni Barbara.

3.9 Is-Segretarju nfurmat li l-kumitat ta’ l-armar, bħas-soltu, riedu konferma li l-kiosks ser ikollhom jersqu waqt il-ħin tal-ġiġġifogu.

3.10 Ġie deċis li għandhu jintbagħat avviż lil Boċċi Club bid-data ta’ meta ser jarmaw biex ma jkunx hemm problemi. Għandhom jiġu ppreparati NO PARKING signs biex jitwaħlu fi Triq Ġiovanni Barbara mill-kumitat ta’ l-Armar.

3.11 Waslet ukoll request mingħand Johann Martin, sid tal-Villaġġ biex fi żmien il-festa joħroġ imwejjed u siġġijiet bħal ħaddieħor. Is-sena l-oħra kien hemm permess fuq owner ieħor b’isem tal-bar Rokkos, bi 5 imwejjed u siġġijiet. Is-Sur Martin qed jitlob biex ikollu permess bħal ma’ kellu s-sid ta’ qabel.

3.12 Ġie enfasizzat li għandna ngħidu lil Contracts Manager biex jissorvelja l-imwejjed fil-ġranet tal-festa. Is-Sidien għandhom ikollhom il-permess fuqhom u l-contracts Manager jiċċekja li l-imwejjed li jkunu ħarġu huma skond il-permess li ħalsu. Filkas jekk ikun hemm imwejjed żejda, dawn iridu jiżżarmaw. Il-Contracts Manager għandu jitħallas għal din il-biċċa xogħol li ser jagħmel.

3.13 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi ser tagħmel laqgħa mal-pulizija biex tiddiskuti l-programm tat-toroq li ser ikunu magħluqin fil-ġranet tal-Festa. Din il-laqgħa għandha tintalab biex issir nhar il-Ħamis 21 ta’ Lulju fi 12.30p.m.

3.14 Il-Minority Leader Dr. Marc Sant staqsa jekk mhux ser jinfetaħ it-Torri fil-ġranet tal-Festa. Il-Kunsill filwaqt li qabel li għandhom

jinxtgħelu d-dwal bil-kulur ma qabilix li għandu jinfetaħ it-Torri.

3.15 Is-Sindku, infurmat li ġiet mudella ta' Ivory & Co. u wżat it-Torri għal nofs siegħa. Biex tagħmel tajjeb għal xi spejjeż li daħal fihom il-Kunsill sabiex jirranġa t-Torri, il-kumpanija offriet €100.00.

3.16 Is-Segretarju nfurmat li l-aħħar tlett idwal li kienu nxtraw reġgħu ġew irritornati u ser jinxtraw dwal bħal dawk li kienu twaħħlu qabel mingħand Calleja Ltd.

3.17 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li kien hemm request mingħand residenti fi Triq Agostino Portelli biex din tingħalaq fi żmien il-festa bħal ma jingħalqu Preziosi Street u Transfiguration Avenue. Ir-residenti t' Senna qed jilmentaw li f'żmien il-Festa qed jitilgħu l-karozzi prinċipalment biex jaraw in-nar, u t-toroq qed jiġu blokkjati. Il-Kunsill approva din ir-request lejliet u dakinhar tal-festa u għandha tiġi diskussa mal-Pulizija meta ssir il-laqgħa mas-Sindku.

## 4. Business Plan 2016 - 2018

4.1 Is-Segretarju nfurmat li fil-laqgħa li saret ma' l-Awditur is-sur Tino Riolo fir-rigward tal-Business Plan għal 2016/2017/2018 huwa issuġerixxa li għandha tiġi ppreparata Business Plan għas-snin 2017/ 2018 u 2019 u nikkonċentraw biss fuq kif ser neħilsu mid-deficit qabel ma naħdmu biex inġibu Financial Situation Indicator pożittivv. Huwa qal li ma nistawx niġu f'sitwazzjoni tajba qabel ma nħalsu l-proġett kollu tal-PPP, jiġifieri sas sena 2020.

4.2 Irid isir exercise ta' xi spejjes għandna u titqabbel ma' l-allokazzjoni.

4.3 L-Accountant wara li għamlet exercise, ġie nnotat li d-dejn beda jinkixef mit-2014.

4.4 Is-Segretarju nfurmat lil Kunsil ukoll li milli qalet l-Accountant id-deficit ta' €44,000 qed ikopri wkoll il-PPP li hija €14,000 sas €2020 u creditors hemm €22,000.

4.5 Is-Segretarju nfurmat li kienet waslet korrispondenza mingħand id-Direttur tal-Gvern Lokali biex dan jiltaqa' mal-Kunsill u jiddiskuti d-deficit tal-Kunsill. Il-Kunsill irid iħejji rapport ta' x'miżuri ser jagħmel biex jirregola ruħu u jnaqqas id-deficit.

4.6 Is-Segretarju nfurmat li meta nħadmu l-Allowances lil Kunsilliera, ġew imnaqqsa flus minħabba li xi wħud kienu assenti f'xi laqgħat fis-sena 2014. Trid tinħadem 'workout' ta' min ma attendiex għal xi laqgħat minn Jannar sa Ġunju 2014 u minn Lulju sa' Diċembru 2015 u tingħata refund lura. L-ammont suppost inħadem fuq deduction ta' *one eighth* u

mhux *one sixth*.

4.7 Din ġiet approvata mill-Kunsill.

4.8 Is-Segretarju nfurmat li kienet saret laqgħa ma' l-Insurance Brokers u ġiet diskussa s-somma li qegħdin inxurrjati fuq *'Building of standard construction*' li tinkludi *firefighting, equipment and air condition*. Is-somma nxjurata ta' €80,000 hija biss il-binja tal-Kunsill imma s-somma ta' €785,366, kif tidher fil-Management Letter tinkorpora ukoll il-Mitħna u t- Torri Belvedere peress li dawn iż-żewġ binjiet storiċi huma devoluti lill-Kunsill. L-Insurance ssuġerew li għandu jissejjaħ perit biex jevalwa r-*rebuilt value* tal-bini tal-Kunsill, it-Torri u l-Mitħna. Il-Kunsill ma approvax li għandu jissejjaħ il-Perit.

4.9 Is-Segretarju nfurmat li l-Insurance Brokers għandhom jagħtuna kwotazzjoni b'dan l-aġġustament.

4.10 Is-Segretarju nfurmat lil Kunsill li fil-*management letter* kien hemm tlett pagamenti - Long outstanding trade payables. Il-Kunsill irid japprova li jagħmel write-off ta' dawn il-pagamenti.

Bitmac, - €2,337

Enemalta Corp – €669

Other Suppliers – €567 (ECAD300 u WSC267)

Is-Segretarju nfurmat li waqt li kien qed isir l-Audit ġie iċċekkjat l-ammont tal-Bitmac u ta' l-EneMalta Corp u l-Kunsill ma għandux statements fuq dawn l-ammonti. Il-Kunsill approva write-off tagħhom. Fuq l-ammont ta' €300 u €267 ta' l-ECAD u WSC, il-Kunsill approva write-off tagħhom ukoll.

4.11 Is-Segretarju tkellmet fuq l-inventarju li ssemma ukoll fil-Management Letter li jirrigwardja 2,500 kotba ppublikati għall-prezz ta' Eur4,689. Mr. Tino Riolo, l-Awditur esprima d-disapprovazzjoni ta' dan il-proġett. Il-Kunsill diġa ħa azzjoni u talab lis-Sur Sammut li ppublika dan il-ktieb biex iġib il-kotba kollha li huwa kien qed izomm u jġibhom fl-uffiċċju tal-Kunsill. Dawn inġiebu l-Kunsill imma l-Awditur qal li rridu ngħidu lis-sur Sammut li irid jiġbor il-kotba kollha li qegħdin imqasmin għand it-*third parties*, jinġiebu l-Kunsill u jsir inventarju kif suppost.

4.12 Is-Sur Sammut kien diġa ġie kkuntatjat u ser iġib il-kumplament tal-kotba wara l-festa tar-raħal.

4.13 Is-Segretarju nfurmat li l-Kunsill għandu BOV Savings account li huwa *inactive* u ma jintużax b'nil *balance*. Dan il-kont għad għandu bħala firmatarji lis-Sindku preċedenti Dr. Ian Castaldi Paris u l-ex Segretarju Eżekuttiv s-Sur Edmond Buhaġiar. Il-Kunsill approva li jgħalaq dan il-kont. Għandu jiġi kkuntattjat il-Bank fejn ngħidu li għaddiet

reżoluzzjoni waqt il-laqgħa biex dan il-kont jingħalaq biex huma stess jagħmlu kuntatt mal-firmatarji.

## 5. Komunikazzjoni mis-Sindku

5.1 Il-Sindku s-Sinjura Magda Magri Naudi, resqet xi korrispondenza li kienet waslet fosthom invit mingħand il-Każin tal-Banda għal kunċert fl-1 t'Awwissu u anke invit mingħand il-Kappillan fejn il-Kunsill ġie mistieden għall-paniġierku tal-Festa.
5.2 Korrispondenza oħra kienet mingħand l-Avukat Kris Balzan minħabba t-tappiera f'Naxxar Road. Is-Segretarju nfurmat li l-Awditur issuġerixxa li l-Kunsill ma għandux iħallas dawn il-claims.
5.3 Korrispondenza oħra kienet fuq il-bye-laws fejn l-Avukat tad-Dipartiment qal li dawn issa qiegħdin għall-approvazzjoni.
5.4 Is-Sindku staqsiet lil Kunsill jekk jaċċettax li l-ħwat li hemm vojta fl-isqaq ta' Jerrard Strickland, jibdix jieħu ħsiebhom hu, il-kunsill qabel.
5.5 Is-Sindku, infurmat ukoll li kienet waslet xi korrispondenza mill-Qorti .

## 6. Vip List

6.1 Resident qed jissuġerixxi li jsiru traffic lights fit-tarf ta Transfiguration Avenue qabel ma toħroġ għal roundabout ta' Gallarija Darmanin. Dan għaliex impossibli ħafna u perikoluz biex toħroġ minn Transfiguration Avenue minħabba dawk li jkunu ġejjien għal Mosta, ħadd minnhom ma jċedi. Għandha ssir talba lit-TM u ngħidulhom li r-residenti ta' Ħal Lija għandhom problema peress li ma jkunux jistgħu joħorġu minn Vjal it-Trasfigurazzjoni. Din għandha tigi diskussa flimkien ma' affarijiet oħra li jirrigwardjaw it-TM, meta ssir il-laqgħa tas-Sur Michael Cohen.
6.2 Il-Minority Leader ressaq ilment li l-ewwel arblu fi Triq it-Trasfigurazzjoni int u dieħel minn naħa tax-xellug ilu mitfi ħafna.
6.3 Is-Sinjorina Lorraine Farruġia staqsiet fuq x'kien ġara mir-request tar-rampa tas-Sur Salvu Sciberras. Is-Sindku spjegat li tista ssir rampa żgħira bejn żewġ parking spaces. Din ser issir mir-residenti stess. Il-Kunsill approva dan u ser jagħti l-'go ahead' lir-residenti biex din ir-rampa ssir.
6.4 Il-Minority Leader Dr. Marc Sant staqsa jekk jistgħux isiru tlett bollards fejn kellu jsir Centre Strip tal-konkos fi Triq Daniel Sammut.
Il-Kunsill approva din ir-request.
Il-Minority Leader staqsa fuq id-dokumenti li kellhom jintbagħtu wara l-konferenza annwali tar-Reġjun Ċentru. Is-Segretarju nfurmat li kienet

intbagħtet e-mail lir-Reġjun Ċentru u ġiet infurmata li dawn ser ikunu uploaded fuq il-website. Għandha tintbagħat reminder ohra lir-Reġjun.

6.5 Il-Minority Leader staqsa għal *update* fuq il-konferenza annwali tar-Reġjun. Is-Sindku qalet li r-Reġjuni kollha huma rrabjati ħafna għax huma qed iħallsu kollox meta suppost il-LESA tħallas u mhumiex qed jitqasmu flus lill-Kunsilli.

6.6 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar staqsiet peress li s-sitwazzjoni finanzjarja mhux qiegħda tajjeb, x'ser isir mill-fee tal-Majjistral Parks li dalwaqt ser joħorġu.

6.7 Ġie ssuġerit li għandha ssir talba lir-Reġjun biex il-fees tal-Majjistral jiġu imħallsa minn hemm. Għandhom jintalbu r-regolamenti tal-co-financing.

6.8 Il-Kunsill jrid jerġa jiddiskuti l-problema ta' resident li joqgħod Triq Ġ Portelli. Il-Kunsill għamilu 0.5 metres double yellow lines mal-ġnub imma huwa ma qabilx u xorta qed isib problema biex joħroġ mill-garaxx. Is-Segretarja marret on site mas-sinjorina Lorraine Farrugia. Jista' jitneħħa parking u jitpoġġa fuq naħa oħra fil-kantuniera u jsiru xi 2 motor cycle bays flokk il-parking eżistenti biex ma tingħalaqx l-entratura. Il-Kunsill approva li ssir one motor cycle filwaqt li ssir talba għal parking fil-kantuniera bejn Ġiuseppi Portelli u Massimiliano Debono Street.

6.9 Resident li joqgħod 52 Triq id-Dejqa, qed jissuġerrixi li jsiru żewġ sleeping policemen fi Triq id-Dejqa. Dan għaliex il-karozzi qed jgħaddu bi speed qawwi f'din it-triq. Il-Kunsill hemmhekk kien għamel bollards imma xorta kienu se jtajru lil mara tiegħu. Għandha ssir talba lit-TM biex it-traffiku minn Preziosi Street joħroġ il-barra biss għalhekk issir 'one way' l-isfel u b'hekk tissolva l-problema. Jekk din ma tiġix approvata ssir ir-request għal sleeping policeman.

6.10 Resident qed jerġa jagħmel request biex fi Triq Annibale Preca quddiem il-garaxx tiegħu jsiru double yellow lines mal-ġnub u jinteħħa l-white line li hemm quddiem il-bieb tiegħu. Il-bieb tad-dar tiegħu jinstab bejn żewġ garaxxijiet. Wieħed minn dawn il-garaxxijiet huwa tiegħu u l-ieħor tan-neighbour. Jekk jipparkja xi ħadd quddiem il-bieb se jkun ostaklu ta' wieħed minn dawn il-garaxxijiet u żgur ma jkunux jistgħu joħorġu bil-karozza anke ħabba l-fatt li t-triq diġa dejqa. Dan ir-request diġa ġie diskuss fil-laqgħa li għaddiet u ġie deċiż li jsir motorcycle bay. Ir-resident ma qabilx li jsir dan għax qal li jekk bil-liġi għandu jkollu 1 meter mal-ġnub tal-garaxx post biex jsir motocycle bay mhux ser jibqa'. Barra minn hekk minħabba li bilfors jrid joħroġ mgħawweġ mill-garaxx xorta jibża li jolqtu l-mutur. Apparti minn hekk

kompla jgħid li motor cycle bay mhux se jsolvi xejn għax aktar tara karozzi pparkjati fuq motor cycle bay milli muturi. Il-Kunsill approva li jsiru d-double yellow lines għalhekk għandha ssir it-talba lit-TM.

6.11 Residenta qed tagħmel request biex jsiru 2 mirja fi Triq Robert Mifsud Bonnici fejn il-pole tal-bus stage eżatti faċċata ta' Triq Ramiro Barbaro. Dan għaliex min jkun ħiereġ minn Ramiro Barbaro diffiċli biex jara min jkun ġej minn Triq Robert Mifsud Bonnici miż-żewġ naħat. Għalhekk mera tgħin lil dawk li jkunu ħerġin minn Ramiro Barbaro. Il-Kunsill approva li ssir pero għandu jiġi konsultat il-ħaddiem tal-Kunsill biex naraw jekk tistax issir mera rectangle kbira minflok żewġ mirjat. Wara tintbagħat ir-request lit-TM.

6.12 Is-Segretarju nfurmat li ġew approvati erba' U-Bars għal Triq Robert Mifsud Bonnici u Triq Fernand Grech. Tnejn minnhom ser isiru bi sponsor u wara li jitwaħħlu, it-tnejn l-oħra jew jinstabu sponsors oħra jew inkella jsiru mill-ħaddiema tal-Kunsill. Irid jiġi ċċekkjat il-bye-law fuq l-għamara tat-toroq.

6.13 Residenta qed titlob li ssir mera mar- Razzett Ta' Bomba f'Pantar Road. Il-Kunsill approva din ir-request u għandha tintbagħat it-talba lit-TM.

6.14 Request mingħand residenta biex jitneħħew id-double yellow lines fejn il-ħanut tal-ħaxix fi Triq Mikielang Borg. Dan il-ħanut ilu li għalaq allura qed tissuġerrixi li hemmhekk issa jsir parking bay abjad. Dan għaliex ma tantx hemm fejn tipparkja fi Triq Mikielanġ Borġ u residenti xorta qed jipparkjaw. Għandha tintbagħat request lit-TM biex naraw jekk tistax ssir parking bay quddiem garaxx.

6.15 Request ieħor huwa biex jinbidlu s-siġar ta' Senna. Suppost il-kunsill kellu jagħmel kompromess ma' l- ELC biex jinbidlu is-siġar hemmhekk għax qed jagħmel ħsara lit-triq u l-bankina, l-għeruq qed jkisser kollox. Il-problema hija waħda li ELC m'għandhux x'jaqsam aktar mal-kunsill issa. Is-Sindku għandha titkellem ma' l-ELC u titlobhom jekk jistawx jagħtu l-għajnuna tagħhom biex jagħtuna xi ftit siġar.

6.16 Request mill-BOV għal Keep clear bay ħdejn l-ATM. Din ġiet rikjesta mingħand il-Cash Handlers. Huma jridu l-approvazzjoni tal-Kunsill u issir minnhom. Wara li ġiet diskussa mill-Kunsill ġie deċis li nistaqsu eżatt fejn jixtiequ din il-Keep Clear Bay. Għandna nistaqsu ukoll il-frequency ta' dawn il-Cash Handlers. Il-Kunsill ma jistax jaffordja li jitlef parking bay permanenti.

6.17 Resident qed jagħmel request biex minnflok jagħlaq Conception str jagħmel sign ma' l-art fuq il-bankina, kollox spejjeż tiegħu, biex ma jgħaddux karozzi kbar għax se jagħmel il-faċċata, infatti se jkollu scaffodling. Il-Kunsill qal li bankina m'hemmx f'dik il-biċċa tat-triq.

Żgur li l-iscaffolding irid jiżżarma kuljum. Għandna nistaqsu x'tip ta' scaffolding ser jintuza jekk mhux bir-roti. Għandna nistaqsu jekk hemmx bżonn warden ġo triq Dejqa u scaffolding dejjaq.

6.18 Resident qed jistaqsi jekk hemmx ħsieb biex Trejqet Kjeriku Ġakbu Abela xi darba ssir one way peress li qed jkun hemm wisq konfużjoni. Il-Kunsill iddiskuta din ir-request u għalissa għadt m'hemmx ħsieb li din it-Triq ssir 'One Way.

6.19 Il-Kunsill approva biex jinbidlu l-bandli fi Ċentru Rikreattiv. Se jwaħluhom Michael u Ronnie biex inaqqsu l-ispejjeż. Il-Kunsill approva dawn ix-xogħolijiet.

6.20 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li kienet irċeviet risposta mingħand TM fuq il-bankina ta' Alley 2 Preziosi Street fejn qalu li TM ma għandhomx x'jaqsmu fuq prezzijiet u qisien. Is-Segretarju reġgħet irrispondiet li l-Kunsill jixtieq konferma li dawk il-qisien li kejjel il-Perit tal-Kunsill huma skond kif qed jintalab minnhom.

6.21 Is-Segretarju nfurmat ukoll li kienet waslet korrispondenza mingħand resident f'din it-triq fejn staqsa għal korrispondenza u numru ta' referenza tat-TM fuq din ir-request tal-bankina. Is-Segretarju nfurmatu bl-aħħar żviluppi fuq dan il-każ u qaltlu li r-residenti għadhom ma ġewx infurmati ufficjalment peress li għalissa għadt m'hemm xejn ikkonfermat.

6.22 Il-Kunsill kollu qabel li għandha tinġabar lista' ta' issues pendenti mat-TM u ngħadduhom lis-Sur Michael Cohen biex ikun jista jmexxihom hu.

6.23 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar, issuġerit li għandha terġa tiġi ċċirkulata it-time-table tal-ġbir ta' skart domestiku, recycling, ħġieġ u bulky refuse għax ir-residenti qed joħorgu l-garbage f'kull ħin.

6.24 Għandu jerġa jiġi kkuntatjat il-GreenPak peress li kellhom ilestu notices biex jitqassmu lir-residenti.

Is-Sindku tkelmet fuq dak il-ħajt li waqa' fi Triq Annibale Preca fejn hemm dak il-bieb żgħir li jagħti għal historical pathway. Dak il-ħajt ġie rraportat lil Ministeru ta' l-Infrastruttura.

## 8. Approvazzjoni ta' l-iskeda tal-pagamenti u tal-petty cash

8.1 Is-Segretarju ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill l-iskeda tal-pagamenti u tal-Petty Cash.

8.2 Il-Minority Leader, Dr. Marc Sant u s-Sinjorina Lorraine Farrugia ma approvawx il-pagamenti tal-Waste Collection Ltd.

8.3 Fuq proposta tas-Sur Massimo Scerri sekondat mis-Sinjorina Stephanie

Cutajar  l-iskeda tal-ħlasijiet flimkien ma' tal-petty cash ġew approvati.

8.4 Ġie deċis li għandha tintalab laqgħa mal-MEUSAC nhar il-Ħamis 11 t'Awwissu fit-3 ta' wara nofsinhar.

## 9. Aġġornament

9.1 Ġie deċis li l-laqgħa tal-Kunsill li jmiss tkun nhar il-Ħamis 11 ta' Awissu 2016 fil-5.00p.m.

9.2 Is-Seduta intemmet f'7.48pm hrs b'mod unanimnu.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| ***Magda Magri Naudi*** | ***Georgette Borg*** |
| *Sindku* | *Segretarju Eżekuttiv* |

Data: ***[data]***